MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 98

9 ta' Lulju 2018

Minuti tas-seduta Nru. 98 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn, 9 ta' Lulju 2018 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

**Kondoljanzi**

Fil-bidu tas-seduta, is-Sindku aċċenna għall-mewt tas-Sinjura Carmen Van der Weerden, omm il-mara tal-Kunsillier H. Fenech li grat fl-1 ta' Lulju 2018.

Is-Sindku rrefera wkoll għall-mewt tas-Sinjura Odette Zammit, ex-kollega fis-Segretarjat tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, li ġrat fit-8 ta' Lulju 2018.

Fiż-żewġ każi, huwa talab li jintbagħtu l-kondoljanzi lill-familji taż-żewġ persuni msemmija. Il-Kunsill ingħaqad mas-Sindku fis-sentimenti espressi.

Il-Kunsillier H. Fenech irringrazzja lil kull min wera simpatija miegħu u mal-familja tiegħu, u attenda l-funeral tas-Sinjura Van der Weerden.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-seduti Nri. 97 tat-18 ta' Ġunju 2018, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieħa/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. PA 2175/18 - Proposta mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura sabiex titwaqqaf żona għall-akwakultura fit-tramuntana tal-Gżejjer Maltin (T/8)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 6.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li Adi Associates għaddew il-punti ewlenin tad-diskussjoni li żvolġiet fuq din il-materja.

2.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jressaq l-opinjoni tiegħu lill-Awtorità tal-Ippjanar u lill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi billi jaċċenna li:

(a) jaqbel fil-prinċipju mal-proposti dwar l-estensjoni tal-AJD Tuna Ltd Farm, sakemm l-ammont ta' ħut (bijomassa) ma jiżdiedx, u jkun joqgħod fil-post indikat fiż-Żona tal-Akwakultura tat-Tramuntana;

(b) li n-numru ta' gaġeġ u bijomassa ma jiżdiedux kemm-il darba l-ICCAT tgħolli l-kwoti tal-qbid tat-tonn, billi l-kwoti tal-*farms* huma regolati bil-permessi maħruġa mill-awtoritajiet lokali u allura żieda fil-kwota tal-qbid tat-tonn ma tirriżulatax f'żidiet fil-kwoti tal-*farms*;

(c) Il-Kunsill jaqbel maċ-ċaqlieq tal-*farms* eżistenti għaż-żona proposta fuq is-Sikka l-Bajda fit-Tramuntana ta' Malta;

(d) Iż-żona tkun kbira biżżejjed biex takkomoda l-ammont ta' bijomassa ppjanata u għalhekk mhux kbira iżżejjed;

(e) Il-Kunsill jistenna li jkun hemm żona waħda fit-tramuntana li takkomoda l-*farm* tal-AJD Tuna Ltd anke jekk attwalment din l-operazzjoni tinsab f'żona oħra; u

(f) Il-Kunsill jirrakkomanda li ż-Żona għall-Akwakultura tkun iktar lejn il-Majjistral biex titbiegħed kemm jista' jkun mill-Bajja tal-Mellieħa.

### 2.2.1. Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV )

2.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 3.2.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li l-andament tal-attività msemmija kien wieħed tajjeb u mar kif kien ippjanat. Hija talbet li tintbagħat nota ta' ringrazzjament lil kull min kien involut.

2.2.3. Is-Sindku kkummenta li l-attendenza kienet aktar numeruża minn edizzjonijiet riċenti.

2.2.4. Is-Segretarju qal li forsi l-konkorrenza kienet aħjar minħabba li r-rotta tal-bandu inbidlet biex tinkludi toroq residenzjali.

2.2.5. Il-Kunsill innota l-kummenti li saru, filwaqt illi qabel mas-suġġeriment skont il-minuta 2.2.2., aktar 'il fuq.

### 2.3.1. Tħejjijiet għall-Festi Reliġjużi fil-lokalità (F/2/Vol VI)(F/2/1)

2.3.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-laqgħa mal-Pulizija tad-Distrett, l-Arċipriet tal-Mellieħa, il-Kappillan tal-Manikata u mal-għaqdiet involuti ser issir fid-19 ta' Lulju 2018.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Ġbir tal-iskart mit-toroq ewlenin (C/6/Vol VI)

3.1.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rreferiet għall-intervent li għamlet fis-seduta preċedenti skont il-minuta 2.4.2., u staqsiet dwar jekk tqassmux avviżi lill-operaturi ta' negożji u residenti ta' Triq Ġorġ Borg Olivier u l-parti ta' ġewwa ta' Triq il-Kbira. Hija qalet ukoll li kellha kuntatt

dirett mal-*manager* tal-HSBC Bank billi l-iskart minn din il-fergħa qed jinħareġ xorta waħda wara li l-kuntrattur jagħmel it-tieni ġabra.

3.1.3. Is-Segretarju wieġeb li l-avviżi kienu tqassmu kif maqbul.

3.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.2.1. PA 4649/18 - Estensjoni tal-bankina fi Triq l-Għoljiet (T/4/10/Vol III)

3.2.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-minuta 5.2.3. tas-seduta ta' qabel rigward l-applikazzjoni mressqa mill-proprjetarji ta' Billy's Bar & Restaurant sabiex jestendu il-bankina quddiem l-istess stabbiliment bil-għan li jitqiegħdu aktar imwejjed u siġġijiet flimkien ma' dawk diġa approvati permezz tal-permess PA 1126/14. Huwa kkummenta li forsi kien ikun aħjar jekk il-passaġġ pedonali ta' 1.5 metri jitħalla bejn l-faċċata tal-istabbiliment u l-għamara proposta.

3.2.3. Is-Segretarju qal illi r-rappreżentazzjonijiet li saru mal-Awtorità tal-ippjanar kienu fis-sens li għandu jitħalla passaġġ bejn il-bini u l-għamara proposta.

3.2.4. Il-Kunsill qabel li għandha tintalab korrezzjoni tar-rappreżentazzjonijiet li diġa saru, minkejja li d-data stabbiliti mill-Awtorità tal-Ippjanar kienet skadiet.

## 3.3.1. Servizz ta' infurzar offrut mill-*Cleansing Services Division* (W/3/Vol XI)

3.3.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal illi minn kuntatti li huwa kellu jidher li d-Diviżjoni msemmija qed tofri servizz bi ħlas permezz ta' uffiċjali tagħha flimkien mal-Pulizija. Huwa ppropona sabiex jinkiseb aktar tagħrif, bil-għan li jsir magħruf kif dan jitħaddem.

3.3.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mal-uffiċjali konċernati.

## 3.4.1. Kors "Il-Ġenituri l-Ewwel Għalliema" (T/3/3/Vol V)

3.4.2. Il-Viċi Sindku D. Vella qal li l-Aġenzija Nazzjonali għall-Litteriżmu nidiet kors bl-isem "Il-Ġenituri l-Ewwel Għalliema" li huwa ntiż għal ġenituri ta' tfal sa tliet snin fl-età. Il-kors huwa ntenzjonat sabiex il-ġenituri jiġu mgħallma kif jgħinu lill-uliedhom jiżviluppaw il-ħiliet lingwistiċi tagħhom. Dan ser ikun kull nhar t'Erbgħa u jibda fit-18 ta' Lulju 2018 bejn id-9.00 am u l-10.30 am, u jsir fis-Sala tal-Kunsill.

3.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.5.1. *Mobile App* tal-Kunsill (I/1/3/Vol VI)

3.5.2. Il-Viċi Sindku D. Vella kkummenta li minkejja illi l-mobile app tal-Kunsill bdiet tiffunzjona f'Settembru 2017, il-pubbliku għadu mhux konxju tagħha billi mhux tintuża daqstant, partikolarment fir-rigward tal-ilmenti.

3.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir aktar promozzjoni permezz tal-magazin "Mill-Qiegħa", fuq is-mezzi soċjali u s-siti elettroniċi tal-Kunsill.

## 3.6.1. Konġestjoni tat-traffiku fi Triq il-Qammieħ (T/3/2/Vol XV)

3.6.2. Is-Sindku aċċenna li matul ix-xhur tas-sajf, partikularment fi tmiem-il ġimgħa it-traffiku ħiereġ jew dieħel fi Triq il-Qammieħ qed ikun imxekkel jew imblukkat minn vetturi pparkjati fi Triq il-Marfa. Għaldaqstant, huwa qal li jeħtieġ li jinżebgħu żewġ linji fi Triq il-Marfa bi dritt Triq il-Qammieħ bil-għan li ma jsir ipparkjar ta' vetturi 'il ġewwa minnhom.

3.6.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 3.6.2.

### 3.7.1. Taħditiet dwar is-saħħa (M/8/Vol IV)

3.7.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf li d-Dipartiment għall-Kura Primarja nieda skeda ta' taħditiet dwar diversi aspetti tas-saħħa, li l-ewwel waħda fosthom kienet dwar kif wieħed jikkontrolla l-piż u saret fis-26 ta' Ġunju 2018 fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. Il-kumplament tal-kors ser ikun jikkonsisti f'ħames taħditiet oħra kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Il-Kura tal-għajnejn | 31.07.2018 |
| Kontroll fuq il-pressjoni għolja u xaħam fid-demm | 25.08.2018 |
| Prevenzjoni u kontroll tad-dijabete | 25.09.2018 |
| Kif wieħed iżomm ruħu attiv | 30.10.2018 |
| Għarfien dwar is-saħħa mentali | 27.11.2018 |

3.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.1. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 13/06/18 – 26/06/18
- *Purchase Request Form* – 06/07/18;
- Skeda ta' Pagamenti – 16/06/18 – 06/07/18;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Rapport – Bord ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Offerti – 06/08/18; u
- Ittra ta' Direzzjoni mill-Udituri u abbozz ta' tweġiba għaliha.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Wirjiet tal-arti mtella' minn Art Club 2000 (S/6/Vol IV)

5.1.2. Saret referenza għal ittra datata 5 ta' Lulju 2018, mibgħuta mill-Art Club 2000, fejn intqal li l-għaqda ser torganizza żewġ wirjiet tal-arti mtella' mill-membri tagħha. Dawn ser isiru fil-bini tal-Ministeru għall-Għawdex fir-Rabat (03/08/18 – 27/8/18); u fis-sede tal-għaqda fil-Mellieħa (01/09/18 – 08/09/18).

5.1.3. Is-Sindku qal li fil-fatt l-Art Club 2000 ser ikunu tellgħu tliet wirjiet, billi l-ewwel waħda diġà saret fil-Hilltop Gardens fin-Naxxar li ġiet inawgurata f'22 ta' Ġunju 2018.

5.1.4. Il-Kunsill qabel li għandu jikkontribwixxi sa massimu ta' €450, skont l-ispirtu tal-artiklu 33(o) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

### 5.2.1. Talbiet li jinvolvu *bus shelters* (B/6/Vol V)

5.2.2. Saret referenza għal Cirkolari 2018/067 tad-19 ta' Gunju 2018 mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, fejn tħabbar li flimkien mal-kumpanija Faces Consultants Ltd ġiet stabbilita l-proċedura dwar kif għandhom jsiru talbiet minn Kunsilli Lokali dwar manutenzjoni u installazzjoni ta' *bus* shelters.

5.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir talba sabiex isiru il-*bus shelters* imsemmija hawn taħt skont l-ordni ta' prijorità ndikata:

| | |
|---|---|
| 1. | Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq Adenau |
| 2. | Triq il-Marfa k/m Triq it-Trill (faċċata taċ-Ċimiterju Omm il-Ħniena |
| 3. | Triq il-Marfa qrib iċ-Ċimiterju Omm il-Ħniena |
| 4. | Triq il-Marfa qrib il-lukanda Seabank |
| 5. | Triq Għajn Tuffieħa k/m Triq Għerien il-Ħida |
| 6. | Triq il-Marfa faċċata ta' Triq id-Dahar |
| 7. | Triq iċ-Ċirkewwa (Wied Musa) |
| 8. | Triq tal-Prajjet (Popeye Village) |
| 9. | Triq il-Latnija fil-parkeġġ ta' Paradise Bay |

5.2.4. Il-Kunsill insista wkoll li għandha tkompli ssir insistenza sabiex jerġa' jitwaħħal il-*bus shelter* li kien hemm fi Triq il-Kbira faċċata ta' Triq il-Garżella, wara l-ispezzjoni li saret fuq il-post ma' uffiċjal mit-Taqsima tat-Trasport Pubbliku fi ħdan Transport Malta fl-4 ta' Lulju 2018.

### 5.3.1. Allegat danni fuq vettura fi Triq il-Wilġa (D/5/Vol II)

5.3.2. Saret referenza għall-talba mis-Sur Clive Cauchi sabiex jirkupra danni li huwa allegatament sofra minħabba ħofra li kien hemm fit-triq imsemmija fit-2 ta' Ġunju 2018 għall-ħabta tad-9:00 pm. Flimkien mat-talba kien hemm ritratti tal-post, tar-rota tal-vettura Nru. ALX 796, flimkien ma' rapport li sar mal-Pulizija. Is-Sur Cauchi qal li l-ispiża biex isiru t-tiswijiet meħtieġa tammonta għall-€844.00.

5.3.3. Wara li l-Kunsill ra r-rendikont tal-ispejjeż mogħtija mis-Sur Cauchi l-Kunsill iddeċieda li m'għandu jagħmel ebda pagament billi:

(a) Ma teżisti ebda prova li verament ġiet ikkawżata l-ħsara deskritta fir-rendikont imressaq, billi ma jidhirx li l-Pulizija marru fuq il-post dak il-ħin tal-inċident biex jagħmlu r-rapport tagħhom;

(b) Huwa ferm dubjuż kemm ir-ritratti mogħtija ttieħdu eżatt wara ġara l-allegat inċident; u

(c) Il-ħsara deskritta hija sproporzjonata mad-danni li tista' tikkawża ħofra tad-daqs indikata fir-ritratt sottomess.

### 5.4.1. Festa tal-Manikata (F/2/1/Vol I)(S/6/Vol VI)

5.4.2. Saret referenza għall-ittra datata 26 ta' Ġunju 2018, mibgħuta mill-Uffiċċju Parrokkjali tal-Manikata, fejn il-Kunsill intalab jieħu sehem fl-organizzazzjoni tal-Festa ta' San Ġużepp li ser ssir fis-26 ta' Awwissu 2018.

5.4.3. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma jaqbiżx €300. Kien hemm qbil li dan l-involviment għandu jingħata viżibilità fl-allokazzjoni ta' spazju għal messaġġ mis-Sindku fil-programm tal-festa.

### 5.5.1. PA 1820/18 – Riġenerazzjoni tar-ramla fil-Bajja tal-Għadira (P/5/8/G)

5.5.2. Saret referenza għal imejl datat 27 ta' Ġunju 2018 mibgħut mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi fejn qed jiġbdu l-attenzjoni li l-applikazzjoni msemmija hawn fuq tirrekrejedi *Environement Impact Assessement* u għalhekk il-Kunsill ġie mitlub jressaq proposti li jidhirlu

għandhom jiġu nklużi fit-termini ta' referenza dwar dan l-istudju. Il-Kunsill intalab jagħmel dan sa mhux aktar tard mis-26 ta' Lulju 2018.

5.5.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-konsulent li ntalab jassisti dwar din l-applikazzjoni ġie mgħarraf, iżda kien għadu ma ressaqx il-kummenti tiegħu dwarha.

### 5.6.1. Tismija ta' toroq (T/4/1/Vol III)

5.6.2. Is-Segretarju rrefera għal imejl datat 19 ta' Ġunju 2018 fejn ġibed l-attenzjoni li teżisti triq ġdida bla isem fi Triq ir-Riħan. Huwa ppropona li jingħata isem li jkun fuq l-istess linji ta' dawk tal-madwar, bħal: Triq is-Silla, jew Triq il-Peprin.

5.6.3. Sar aċċenn ukoll għal ittra datata 25 ta' Ġunju 2018 mibgħuta miċ-Ċentru Laburista tal-Mellieħa fejn ipproponew li tissemma triq għat-Tabib Joseph Grech Attard.

5.6.4. Saret referenża għall-minuta 2.3. tas-seduta preċedenti dwar it-tismija ta' triq ġdida bejn Triq Salvu Camilleri u Triq il-Fortizza fejn ġie deċiż li din tissemma "Triq id-Deru". Ittieħed in konsiderazzjoni wkoll li s-*service road* li għadha kemm inbniet fuq ir-riħ ta' Triq Lewis Wettinger hija bla isem.

5.6.5. Il-Kunsill irreveda d-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta preċedenti u qabel li:

(a) It-triq ġdida, bejn Triq Salvu Camilleri u Triq il-Fortizza għandha tissemma' "Triq it-Tabib Joseph Grech Attard";

(b) It-triq ġdida li tgħaqqad Triq ir-Rattan, Triq ir-Riħan u Triq il-Mitħna l-Qadima, tissemma' "Triq il-Peprin"; u

(c) Is-*service road* fuq ir-riħ ta' Triq Lewis Wettinger li tgħaqqad, Triq ir-Rattan ma'Triq il-Mitħna l-Qadima tissemma' "Triq id-Deru".

5.6.6. Il-Kunsill talab li jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq skont il-minuta 5.6.5.

### 5.7.1. PC 0044/18 - Bdil fl-iskema tal-bini fi triq ġdida fiż-żona Ta' Masrija (P/5/1/Vol IV)

5.7.2. Saret referenza għal applikazzjoni msemmija hawn fuq, li tinvolvi tnaqqis ta' parti minn spazju privat għal raġunijiet estitiċi u hekk ikun jista' jinbena. Inġibdet l-attenzjoni l-iskema attwali kienet approvata permezz ta' applikazzjoni PC 0046/13.

5.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandhomx jinħolqu preċedenti, fis-sens li l-iskema kif approvata permezz ta' PC 0046/13 għandha tibqa' tiġi osservata, primarjament sabiex ma tiżdiedx aktar id-densità tal-bini.

### 5.8.1. Kampanja "*Pink October Campaign 2018*" (K/11)

5.8.2. Sar aċċenn għal stedina datata 3 ta' Lulju 2018, mibgħuta mill-Marigold Foundation u s-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet, fejn sar appell sabiex matul ix-xahar ta' Ottubru kollu jinxtegħel dawl rosa fuq xi bini prominenti fil-lokalità b'appoġġ għall-kampanja magħrufa bħala *Shade It Pink Campaign 2018.*

5.8.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat ukoll li bħala parti minn din il-kampanja ser ikun hemm *bike ride* li tibda minn fejn it-Torri ta' San Luċjan f'Wied il-Għajn u tintemm fid-Dwejra Għawdex fis-7 ta' Ottubru 2018. Hija qalet li ser issir laqgħa ta' informazzjoni dwar din l-attività fit-12 ta' Lulju 2018.

5.8.4. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu sehem billi tinxtegħel il-faċċata tal-uffiċċju amministrattiv tul il-perjodu ndikat.

**5.9.1. Kampanja dwar l-impatt tal-bżieżaq (K/11)**

5.9.2. Is-Sindku rrefera għaċ-Ċirkulari AKL 018/072 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fit-8 ta' Lulju 2018. Fiha nġibdet l-attenzjoni dwar l-impatt negattiv li jħallu l-bżieżaq li jittajjru waqt attivitajiet soċjali, fuq organiżmi li jgħixu fil-baħar. Dan billi jitfixluhom ma' ikel u jispiċċaw jibilgħuhom bil-konsegwenza li jmutu. L-Assoċjazzjoni għaldaqstant qed tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali sabiex jipprojbixxu l-użu tal-bżieżaq li jittajjru mar-riħ, waqt attivitajiet li jirrikjedu permess mill-istess Kunsilli.

5.9.3. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb f'din il-kampanja billi jipprojbixxi l-bejgħ tal-bżieżaq waqt il-festi u attivitajiet oħra. Kien hemm qbil li fil-laqgħa illi ssir kull sena għall-għaqdiet li b'xi mod huma nvoluti fil-festi fil-Mellieħa u l-Manikata, sabiex tinġibed l-attenzjoni bil-għan li ma jagħmlux użu tal-bżieżaq u minflok jaddottaw effetti oħra li ma jikkawżawx danni ambjentali.

**5.10.1. Jum il-Kunsill u l-Iljieli Melleħin 2018 (A/5/3/5/Vol V)(A/5/3/1/Vol XVI)**

5.10.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini tat aktar dettalji dwar il-programm ta' Jum il-Kunsill u pproponiet li l-Innu tal-Mellieħa jitkanta mis-Sinjorina Susan Bonello filwaqt li s-serata tkun animata bil-mużika ta' żewġ arpisti. Hija fakkret li s-serata ser tkun taħt il-patroċinju tal-Onor. Evarist Bartolo – Ministru għall-Edukazzjoni u l-Impjiegi u ssuġġeriet li tingħata pittura li turi xena fil-Mellieħa.

5.10.3. Il-Kunsill aċċetta s-suġġerimenti mressqa.

5.10.4. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għad-delegazzjonijiet li ġejjin minn Adenau u Agia Napa fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill u fl-Iljieli Melleħin. Huwa ppropona li dawn jittieħdu fuq żjara f'Għawdex fis-27 ta' Lulju u żjarat oħra f'postijiet ta' interess fil-Mellieħa stess fit 28 ta' Lulju.

5.10.5. Is-Sindku ppropona li għandha ssir preżentazzjoni lid-delegazzjonijiet imsemmija fil-minuta 5.10.4 fl-aħħar jum tal-Iljieli Melleħin, nhar il-Ħadd 29 ta' Lulju 2018.

5.10.6. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

**5.11.1. *Jazz Night* bħala parti mill-attivitajiet tal-Valletta 18 (A/5/5/Vol VII)**

5.11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għas-serata msemmija, li ser tittella' fit-13 ta' Lulju 2018 mill-Burhan Öçal's Bosphorus Quartet f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, bħala parti mill-attivitajiet kulturali organizzati mill-Fondazzjoni Valletta 18. Hija għarrfet li qed ikun hemm konkorrenza nkoraġġanti mid-domanda li kien hemm għall-biljetti.

5.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.12.1. Attività soċjali fl-okkażjoni tal-25 Anniversju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali (A/2/Vol XI)**

5.12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għaċ-Ċirkulari AKL 2018/069 tad-19 ta' Lulju 2018 fejn tħabbar li fost attivitajiet oħra li għandha ppjanati l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli, qed torganizza *barbecue* fl-okkażjoni msemmija għall-10 ta' Awwissu 2018 fil-lukanda Dolmen, f'Buġibba. Dawk interessati ntalbu juru l-interess tagħhom sal-31 ta' Lulju 2018.

5.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.13.1. Servizz klerikali fl-uffiċċju tal-Kunsill (E/3/6/Vol II)**

5.13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-pressjoni tax-xogħol fuq l-impjegati tal-Kunsill partikularment matul ix-xahar ta' Awwissu meta jonqsu l-ħinijiet tax-xogħol. Hija staqsiet dwar jekk huwiex possibbli li jinstabu persuni li lesti jagħmlu dan it-tip ta' xogħol anke fuq bażi temporanja.

5.13.3. Fid-dawl tar-restrizzjonijiet li timponi l-liġi fuq in-numru ta' impjegati, kien hemm qbil li għandha tiġi mistħarrġa l-possibiltà li jingħata servizz minn persuni li qiegħdin f'xi skema amministrata minn Jobsplus.

**5.14.1. Miżura 4.4. – Fond Aġrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (P/10/27)**

5.14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għat-tieni sejħa li tinvolvi finanzjament ta' proġetti taħt il-miżura msemmija, li fost benefiċċji oħra tinvolvi l-manutenzjoni ta' ħitan tas-sejjieħ.

5.14.3. Il-Kunsill li mgħarraf li ser jibbenefika taħt l-ewwel sejħa fir-rigward tal-ħitan tas-sejjieħ li hemm fit-Telgħa ta' Selmun. Is-Segretarju qal li attwalment għaddejjin il-kuntratti biex jiġi ffirmat il-ftehim dwar l-għotja, filwaqt li l-perit konċernat intalab iħejji l-ispeċifikazzjoni tekniċi tas-sejħa li trid ssir sabiex jitwettaq ix-xogħol involut.

**5.15.1. Inizjattiva *Summer on the Move* (S/4/1/5)**

5.15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-korrispondenza datata 18 ta' Ġunju 2018 mibgħuta minn SportMalta fejn talbu l-użu tal-faċilitajiet fil-Park tal-Familja, kif sar fit-tliet sjuf ta' qabel. L-użu tal-faċilitajiet qed jintalab bejn l-10 ta' Lulju u s-7 ta' Settembru 2018, mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn il-5.30pm u s-7.30pm.

5.15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 6.0. Materji fuq l-Aġenda

**6.1. Nominazzjonijiet għall-Onorefiċenzi tal-Ġieħ u Rikonoxximent (A/5/3/1/Vol XVI)**

6.2. Tressaq ir-rapport tal-Bord ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Onorefiċenzi tas-6 ta' Lulju 2018.

6.3. Kien hemm qbil li l-membri tal-Kunsill għandhom jingħataw aktar żmien qabel tittieħed deċiżjoni fuq il-proposti li saru u għalhekk kien hemm qbil li għandha ssir kontinwazzjoni tas-seduta.

**7.1. Proġett dwar l-estensjoni tal-Iskola Primarja (T/3/3/Vol V)(S/3/1/1)**

7.2. Is-Sindku aċċenna għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta Nru. 95 tat-2 ta' Mejju 2018 meta kien ġie deċiż li jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada, kif ukoll mal-Ministru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi, u l-Ministru tat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali dwar l-ideja li l-parkeġġ propost taħt l-estensjoni tal-iskola jintuża mill-pubbliku. Dan l-użu jiġi faċilitat billi jkollu mina pedonali li tgħaddi minn taħt Triq il-Mitħna l-Ġdida, iddur għal Triq il-Madonna ta' Fatima u tiżbokka fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Huwa qal li din tidher li qajmet interess tant li l-Ministru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi l-Onor. E. Bartolo talab laqgħa mal-Kunsill li ġiet iffissata għall-1 ta' Awwissu 2018.

7.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li fil-laqgħa mal-Ministru għandhom jiġu diskussi aspetti oħra marbuta mal-estensjoni, bħalma huma l-librerija pubblika u l-użu tas-sala għall-benefiċċju tal-komunità.

7.4. Il-Kunsill qabel li kemm-il darba l-finanzjament ma jkunx jista' jsir mill-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada, tista' issir talba sabiex jiġu wtilizzati fondi mid-Development Planning Fund amministrat mill-Awtorità. Kien hemm qbil ukoll li għal-laqgħa mal-Ministru, għandhom jattendu s-Sindku J. Buttigieg, il-Kunsilleri A. Brincat Stellini u l-E. Bartolo, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C.Debono.

**8.1. Sejħa għall-offerti MLC 5/2018 - Iddisinjar u stampar ta' kotba "Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien / *Mellieħa Through the Tides of Time*" (P/4/5/Vol III)**

8.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħa msemmija għalqet fis-6 ta' Ġunju 2018 u kien hemm offerta waħda biss li saret minn Salander Group Ltd li tammonta għal €10,637.70 bil-VAT inkluża. Huwa talab li jinħatar ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni.

8.3. Il-Kunsill qabel li l-Bord ta' Evalwazzjoni jkun kompost mis-Sindku J. Buttigieg u l-Kunsillieri A. Brincat Stellini u E. Bartolo, bħala membri.

**9.1. Servizz ta' aċċessibilità bejn Triq l-Inkurunazzjoni u Misraħ il-Parroċċa (P/8/4)**

9.2. Il-Kunsillier J. Attard qal li huwa kellu kuntatti mas-Segretarjat Parlamentari għall-Persuni B'Diżabilità u Anzjanità Attiva dwar meżżi li jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess bejn Misraħ il-Parroċċa u Triq l-Inkurunazzjoni, partikularment għall-anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali. L-għan huwa li jiġi ffirmat *memorandum of understanding* u jinġiebu l-fondi sabiex tiġi ffinanzjata l-inizjattiva.

9.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-aktar mezz addattat huwa l-installazzjoni ta' *lift* biswit iż-żuntier tas-Santwarju fi Triq l-Inkurunazzjoni għall-Belveder tas-Sur.

9.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-proposta għandha tkompli tiġi studjata billi jinkiseb aktar tagħrif dwarha f'dak li jirrigwarda s-sit, spejjeż għall-provista u l-installazzjoni tat-tagħmir meħtieġ, kif ukoll għal-manutenzjoni u s-sigurtà tiegħu.

**10.1. Dokument tal-offerta dwar l-ewwel fażi tal-proġett ta' Triq l-Etna (P/4/27)**

10.2. Is-Sindku ppropona li l-perit responsabbli mill-proġett imsemmi għandu jintalab jipprepara l-ispeċifikazzjoni tekniċi meħtieġa sabiex jitħejja dokument tal-offerta li jkopri t-tqattiegħ tal-blat b'rabta mal-proġett imsemmi.

10.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**11.1. Ittra ta' Direzzjoni mill-Udituri fuq l-operat tal-Kunsill matul l-2017 (F/1/2/Vol IX)**

11.2. Is-Segretarju rrefera għall-Ittra ta' Direzzjoni (*Managment Letter*) mibgħuta mill-udituri għas-Sena Finanzjarja 2017, kif ukoll għall-abbozz tat-tweġiba mħejjija minnu, liema dokumenti ntbagħtu lil kull kunsillier qabel is-seduta.

11.3. Is-Sur C. Debono qal li l-iktar punti notevoli, illi m'humiex ta' natura teknika fl-ittra ta' direzzjoni, kienu jirrigwardaw il-punti li ġejjin:

(a) Paragrafu 4.1 - Nefqa fuq l-attivitajiet marbuta ma' Jum il-Kunsill mhux skont il-linji gwida stabbiliti fil-Memos 122/2010, kif emendata 8/2011;

(b) Paragrafu 4.3 - L-iskadenza tal-kuntratt dwar il-manutenzjoni tad-dwal tat-toroq;

(c) Paragrafu 4.4 – Infieq fuq attivitajiet soċjo-kulturali; u

11.4. Is-Sur C. Debono rrefera għal-Paragrafu 4.1 u tenna li l-Memos 122/2010 u 8/2011 qed jiġu nterpretati persistentement b'mod skorrett fir-rigward ta' Jum il-Kunsill, fis-sens li dawn ma jirrigwardawx spejjeż li jsiru fuq attivitajiet soċjali. Fl-edizzjoni ta' Jum il-Kunsill 2017 l-ispiża minfuqa fuq ikel u xorb kienet 15% tal-ispiża totali minfuqa fuq dan l-avveniment.

11.5. Rigward il-Paragrafu 4.3, ġie spjegat li fis-29 ta' Novemru 2016 il-Kumitat Reġjonali Tramuntana kien ippubblika sejħa għall-offerti (RT/03/2016), liema sejħa kienet għadha qed tiġi aġġudikata. Ir-riżultat tal-evalwazzjoni ħareġ tard fl-2017, filwaqt li l-kuntatt il-ġdid beda jopera fi Frar 2018. Billi kienu għaddejjin dawn il-proċeduri ma kienx jagħmel sens li l-Kunsill josserva l-istruzzjonijiet mogħtija fil-Memo 34/2013, li kienu japplikaw iktar għall-dawk il-Kunsilli Lokali li kellhom kuntratt skadut u ma kellhomx intenzjoni li jaġixxu fuq bażi ta' Reġjun. Apparti dan, inġibdet l-attenzjoni li l-obbligu illi jiġi pprovdut servizz dwar il-manutenzjoni u l-installazzjoni ta' dwal fit-toroq huwa vestit lill-Kumitat Reġjonali skont kif provdut fl-Artiklu 19 tal-Avviż legli 320/2011 (S.L. 363.160).

11.6. Fir-rigward tal-Paragrafu 4.4, ġie spjegat li matul is-snin konsistentement inżamm proporzjoni raġġjonevoli bejn attivitajiet kulturali u titjib fl-infrasttura tat-toroq, tant li fl-2017 dan l-obbliġu statutorju ċertament li ma abbandunat, billi l-Kunsill iffinanzja l-proġetti li jidhru hawn taħt:

| **Proġett** | **Nefqa (€)** |
|---|---|
| Kisi bit-tarmak fi Triq it-Tumbrell/Kaħli/Tunnaġġ/Klamari | 110,196 |
| Titjib fi *Playground* ta' Ġnien il-Qigħan | 31,288 |
| Kostruzzjoni ta' *culverts* għall-ilma tax-xita fi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier | 84,085 |
| *Floodlighting* ta' Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata | 59,177 |
| Total | 284,746 |

11.7. Wara diskussjoni fuq il-punti mressqa, il-Kunsill approva t-tweġiba għall-ittra ta' direzzjoni, skont l-abbozz imressaq.

## 12.1. Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2018 (F/1/1/Vol II)

12.2. Is-Segretarju spjega li d-dħul tal-Kunsill fil-perjodu msemmi hawn fuq kien jammonta għal €290,695, filwaqt li kien hemm nefqa ta' €233,936, u hekk irriżulta bilanċ pożittiv ta' €56,759.

12.3. L-Assi Kurrenti (*Current Asset*) kienu jammontaw għall-€938,274 (Diċembru 2017 - €897,554), li €922,716 minnhom kienu flus miżmuma f'kontijiet bankarji. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti (*Current Liabilities)* kienu fil-livell ta' €507,437 (Diċembru 2017 - €507,437), li huma magħmula minn kontijiet pendenti (*Payables*) li jidhru fuq il-kotba, kif ukoll stima ta' spejjeż (*accruals*) fuq servizzi jew materjal mixtrija li kienu għadhom ma jidhrux fuq il-kotba.

12.4. Meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha msemmija, jirriżulta Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja (ISF) ta' 39%. Fattur li għolla dan il-perċentwali kien li d-*Deferred Income* ma baqax jittieħed in konsiderazzjoni.

12.5. F'dak li jirrigwarda l-Impjant u Tagħmir (*Plant and Equipment*), fil-perjodu kopert bir-rapport, ġew kapitalizzati b'kemm jiswew €111,526 f'Assi Permanenti (*Fixed Assets*).

12.6. Il-valur oriġinali tal-Assi Permanenti *(Fixed Assets)* kollha akkwistati kien ta' €11,216,269, li meta wieħed jikkalkula d-deprezzament fuqhom sa tmiem Marzu 2018, il-Valur Nett tagħhom fil-Kotba (*Net Book Value*) kien ta' €3,661,052.

12.7. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-vot 3042 tal-Iskart Goff fl-Estimi 2018 huwa baxx wisq minħabba li kien ibbażat fuq offerta li ġiet irtirata. Is-Sur C. Debono spjega li fit-tieni sejħa li reġgħet saret, l-inqas offerta kienet ferm għola u għalhekk ikun jagħmel sens jekk jittieħdu €13,000 mill-vot 2300-2399 tat-Tiswijiet u Manutenzjoni biex jagħmel tajjeb.

12.8. Il-Kunsill approva r-rapport u talab li jiġi ppubblikat permezz tas-sitt elettroniku.

## 13.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

13.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 6 ta' Lulju 2018.

13.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* kollha skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

13.4. Tressqet skeda ta' pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* bejn it-13 ta' Mejju u s-26 ta' Ġunju 2018.

13.5. Tressqet ukoll skeda ta’ pagamenti li tkopri bejn is-16 ta’ Ġunju u s-6 ta’ Lulju 2018.

13.6. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieħa/Pages/Publications/Minutes.aspx

## AĠĠORNAMENT

L-Ewwel Parti tas-seduta spiċċat fid-9.15 pm u kien hemm qbil li għandha titkompla nhar it-Tnejn 23 ta’ Lulju 2018 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**